QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002

Numru 29

Citaz. Nru. 881/94 FD

Cristina Muscat f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minnorenni Caroline Muscat awtoritazzata biex tistitwixxi din il-kawza b'digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 1994.

Vs

Cristino Muscat

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut Cristino Muscat irrenda ruhu hati kontra l-attrici martu ta' eccessi, sevizzi u ingurji gravi b'mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Muscat minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici;

2. Tafda lill-attrici l-kustodja tal-bint minuri tal-kontendenti;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal binthom minuri dik ir-retta alimentarja li din il-Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha l-konvenut;

4. Tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 56 u 58 tal-Kodici Civili;

5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u l-istess likwidata u maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda

lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo ghal fini ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk inkorsi fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-mandat ta' deskrizzjoni kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-mertu ta' din il-kawza diga` gie gudikat, fil-kawza Citaz. Nru. 1336/93 FD fl-ismijiet Cristino Muscat vs Cristina Muscat, minn din l-istess Onorabbli Qorti fis-17 ta' Lulju 1995 (Dok. A) liema decizjoni tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-ragunijiet ghas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet mhumiex imputabbli lilu;

3. Illi l-attrici ilha li abbandunat id-dar matrimonjali flimkien ma' zewgha u binthom minrui mid-29 ta' Gunju 1994 u ghalhekk it-talba taghha tal-kura u kustodja ghandha tigi michuda;

4. Illi stante li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida stante in oltre l-fatt li l-konvenut ma jahdimx, hija ddekadiet ghad-dritt taghha ta' manteniment. Illi f'kwalsiasi kaz hija ghandha introjtu mill-interessi ta' cirka Lm120 fix-xahar li jinghataw fuq depoziti ta' 102000 Canadian Dollars kif ukoll 11400 Canadian Dollars;

5. Illi in kwantu ghal sehmha tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-attrici ddekadiet minnu;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi permezz ta' din il-kawza li giet ipprezentata fit-28 ta' Gunju 1994 l-attrici talbet li tigi

pronunzjata s-separazzjoni taghha minn mal-konvenut minhabba tortijiet imputabbli lilu; talbet ukoll il-kura u kustodja ta' binthom minuri u manteniment ghaliha u ghall-minuri u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli citati kontra l-konvenut;

Illi l-attrici talbet ukoll li tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u likwidata u maqsuma bejniethom;

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut issottometta li kawza ohra dwar l-istess mertu f'ismijiet inversi kienet giet deciza fis-7 ta' Novembru 1995 u kienet pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Huwa cahad l-allegazzjonijiet ta' l-attrici u stqarr li l-attrici kienet abbandunat id-dar matrimonjali fid-29 ta' Gunju 1994 u ghalhekk tilfet id-dritt ghall-manteniment u f'kull kaz huwa ma kienx jahdem u hi ghandha interessi konsiderevoli; tilfet ukoll id-dritt ghal sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi kif jidher mill-atti relattivi, il-konvenut odjern kien intavola kawza b'talbiet simili kontra l-attrici odjerna fid-29 ta' Ottubru 1993 u din kienet giet deciza mill-Prim' Awla u pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell meta giet intavolata dik odjerna. L-imsemmija Onorabbli Qorti annullat dik is-sentenza u rrinvjat l-atti u meta bdiet terga' tinstema mill-gdid, instab opportun li anki il-kawza odjerna tinstema mill-istess Qorti;

Illi meta z-zewg kawzi gew quddiem l-istess Qorti, stante li l-mertu kien identiku ghalkemm bil-maqlub, id-difensuri taz-zewg partijiet, skond ma jidher mill-verbal ta' l-Udjenza tad-9 ta' Frar 1999 "*qablu li l-provi kollha li ngabru fl-imsemmija kawza, citazzjoni numru 1336/93, ikunu japplikaw u jkunu jaghmlu stat f'dina l-kawza u anke vice versa.*";

Illi l-kawza l-ohra numru 1336/93 qeghda tigi ukoll deciza fis-seduta tallum u ghalhekk il-Qorti qeghda taghmel ampja referenza ghall-kontenut u ghall-konsiderazzjonijiet kontenuti fl-imsemmija Sentenza fil-kawza l-ohra fejn ingabru l-provi kollha li ressqu iz-zewg partijieti;

Illi l-uniku punt li jinsab f'din il-kawza u mhux fl-ohra huwa it-Tielet Talba dik relattiv ghall-manteniment. Jidher li l-konvenut mhux qed jahdem u l-attrici ghandha u ser ikollha, meta tigi esegwita din is-Sentenza, ammont konsiderevoli ta' flus depozitati u kif sar fl-imghoddi dawn jistghu jigu depozitati u l-interessi ghandhom ikunu sostanzjali. Ma jidhirx li hemm differenzi sostanzjali bejn l-assi ta' l-attrici u dawk tal-konvenut u ghalhekk anki fid-dawl ta' l-emendi introdotti mhux il-kaz fic-cirkostanzi attwali tal-kontendenti li l-konvenut jigi kkundannat ihallas ebda manteniment lill-attrici;

Ghal dawn il-motivi imsemmija;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Muscat minhabba nkompatibilita` ta' karattru u nuqqasijiet li ghalihom huma responsabbli iz-zewg kontendenti;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Domanda peress li t-tifla in kwistjoni illum maggorenni;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda in kwantu tirrigwarda lill-imsemmija binthom u tichada in kwantu tirreferi ghall-attrici personali;

Tilqa' r-Raba' Domanda limitatament ghall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48 (1) (a) u (d) kif emendati tal-Kodici Civili b'dan li tali effetti jkunu applikabbli ghaz-zewg kontendenti;

Tilqa' wkoll il-Hames Domanda u tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-partijiet u tiddividi din il-komunjoni billi tassenja lil kull parti dak kollu inkluzi ghamara, vetturi, flus u depoziti li prezentement jinsabu fil-pussess rispettiv taghhom, tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' tlett elef, disgha mija u tmienja u hamsin Dollari Kanadizi ($Kan3958) u s-somma ta' elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250) u tordna l-bejgh in subasta bl-intervent ta' obblaturi estranei tad-dar matrimonjali f'Haz-Zabbug, ir-rikavat maqsum f'zewg sehemijiet ugwali u minn dak dovut lill-attrici hija ghandha thallas lill-konvenut l-ekwivalenti fi flus Maltin ta' l-imsemmija 3958 Dollari Kanadizi u wkoll Lm2250. Biex tipprovdi li ma jkunx hemm pressjoni ghal dan

il-bejgh in subasta, il-Qorti tordna li din issir fi zmien disa' (9) xhur minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat, f'liema perjodu l-partijiet huma awtorizzati li jbieghu l-imsemmija proprjeta` jekk jaqblu dwar il-kondizzjonijiet ghal tali bejgh;

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur